31993L0017

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 93/17/KEE

tat-30 ta' Marzu 1993

li tistabbilixxi gradi ta' patata taż-żerriegħa bażika tal-Komunità, flimkien mal-kundizzjonijiet u marki applikabbli għal dawn il-gradi

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kunsidrat Direttiva tal-Kunsill 66/403/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 fuq is-suq tal-patata taż-żerriegħa [1], kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 93/3/KEE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tagħha,

Billi, sabiex jiġu implimentati, f'żona bla fruntieri interni li fiha l-Moviment ħieles ta' l-oġġetti hu żgurat skond id-dispożizzjonijiet tat-Trattat, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 66/403/KEE fejn jidħol is-suq ta' patata taż-żerriegħa fit-territorju kollu jew parti minnu ta' wieħed jew aktar Stati Membri li jissodisfaw miżuri aktar rigoruż minn dawk li hemm ipprovduti fl-Annessi I u II għal dik id-Direttiva, huwa xieraq li jiġu stabbiliti gradi ta' patata taż-żerriegħa bażika tal-Komunità, kif ukoll il-kondizzjonijiet u marki applikabbli għal dawn il-gradi;

Billi l-miżuri li hemm ipprovduti f'din id-Direttiva skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq Żerriegħa u Propogazzjoni ta' Materjal għall-Agrikoltura, Ortikultura u Foresti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Gradi ta' patata taż-żerriegħa bażika tal-Komunità huma hawnhekk determinati. Patata taż-żerriegħa eligibbli għal dawn il-gradi hija dik li tikkwalifika għal ċertifikazzjoni uffiċjali bħala "patata taż-żerriegħa bażika" skond id-dispożizzjonijiet ta'l-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 66/403/KEE, u li aktar minn hekk tissodisfa l-kondizzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 2, u li jkunu nstabu wara eżami uffiċjali li jissodisfaw dawk il-kondizzjonijiet.

2. Dawn li ġejjin huma l-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1:

(a) il-kondizzjonijiet ta' saħħa tal-pjanta huma mniżżla: fid-

— Direttiva tal-Kunsill 69/464/KEE [3],

— Direttiva tal-Kunsill 69/465/KEE [4],

— Direttiva tal-Kunsill 77/93/KEE [5],

— Direttiva tal-Kunsill 80/665/KEE [6];

(b) il-patata taż-żerriegħa għandha tiġi minn materjal li jissodisfa l-kondizzjonijiet imniżżla fl-Anness I, u jissodisfa l-kundizzjonijiet addizzjonali jew aktar rigoruż mniżżla fl-Anness II.

Artikolu 2

1. Il-marki tal-gradi ta'patata taż-żerriegħa bażika tal-Komunità għandhom ikunu:

(a) "KEE grad 1" f'każi fejn il-kondizzjonijiet imniżżla fl-Anness I, minbarra punt 3.3 (b) miġjub fih, u l-Anness II (1) huma milħuqa; jew

(b) "KEE grad 2" f'każi fejn il-kondizzjonijiet imniżżla fl-Anness I, minbarra punt 3.3 (a) miġjub fih, u l-Anness II (2) huma milħuqa; jew

[1] ĠU C 125, tal-11.7.1966, p. 2320/66.
[2] ĠU L 54, tal-5.3.1993, p. 21.
[3] ĠU L 323, ta' l-24.12.1969, p. 1.
[4] ĠU L 323, ta' l-24.12.1969, p. 3.
[5] ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 20.
[6] ĠU L 180, ta' l-14.7.1980, p. 30.

(ċ) "KEE grad 3" f'każi fejn il-kondizzjonijiet imniżżla fl-Anness I minbarra punt 3.3 (a) miġjub fih, u l-Anness II (3) huma milħuqa.

Il-marka tkun murija fuq it-tabella uffiċjali li hemm ipprovduta fl-Anness III għad-Direttiva 66/403/KEE, taħt l-intestatura 'grad'.

2. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bid-daqs li għalih japplikaw il-gradi rispettivi tal-Komunità meta jiċċertifikaw il-prodotti tagħhom.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrativi meħtieġa biex iħarsu din id-Direttiva mhux aktar tard mid-data li hemm ipprovduta għall-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/683/KEE ([1]). Huma għandhom jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew tkun akkumpanjata b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-publikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-riferenza għandha tiġi adotta mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-ligi tal-pajjiż li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulha fi Brussell, it- 30 ta' Marzu 1993.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 376, tal-31.12.1991, p. 29.

L-ANNESS I

KUNDIZZJONIJIET LI GĦANDHOM JIĠU SODISFATTI BIL-MATERJAL LI MINNU L-GRADI TA' PATATA TAŻ-ŻERRIEGĦA TAL-KOMUNITA' GĦANDHOM JIĠU

1. Fejn metodi ta' mikropropagazzjoni, li jinkludu teknika meristem ikunu użati:

1.1. In-nefħa omm għandha tkun ħielsa mill-organiżmi li jagħmlu ħsara li ġejjin:

(a) Erwinia carotovora var. atroseptica

(b) Erwinia chrysanthemi

(ċ) Potato leaf roll virus

(d) Potato virus A

(e) Potato virus M

(f) Potato virus S

(g) Potato virus X

(h) Potato virus Y

Konformità mal-ħtiġijiet ta' hawn fuq għandha tiġi stabbilita minn ittestjar uffiċjali jew taħt sorveljanza uffiċjali skond metodi xierqa;

1.2. il-materjal immoltiplikat in vitro u meħud min-nefħa omm għandu jħares il-kundizzjonijiet imniżżla f'punt 1.1 hawn fuq. Madankollu, il-ħtiġijiet ta' ittestjar uffiċjali obbligatorju jew ittestjar taħt sorveljanza uffiċjali ma japplikawx.

2. Fejn il-metodu ta' selezzjoni klonali huwa użat, il-pjanta tal-bidu u n-nefħiet meħudin direttament minnha għandhom:

2.1. ikunu ħielsa mill-organiżmi li jagħmlu ħsara illistjati taħt 1.1 hawn fuq. Il-konformità mal-ħtiġijiet minn (c) sa (h) għandha tkun stabbilita b'ittestjar uffiċjali jew ittestjar taħt sorveljanza uffiċjali skond metodi xierqa;

2.2. ikunu mkabbra f'wiċċ tar-raba' li jissodisfaw il-ħtiġijiet taħt 3 hawn taħt.

3. Il-wiċċ tar-raba' għandu:

3.1. jkun imkabbar f'art ta' produzzjoni fejn ikunu għaddew ta' lanqas tliet snin minn l-aħħar darba li tkun tkabbret il-patata;

3.2. ikunu iżolati minn uċuh tar-raba ta' livell aktar baxx b'distanza ta' iżolazzjoni xierqa. Iż-żamma ta' dan ir-rikwiżit għandha tkun iċċekkjata bi spezzjoni uffiċjali tal-għalqa;

3.3. fejn tidħol blackleg:

(a) tkun hielsa minn blackleg, fil-każ ta' "KEE grad 1"; jew

(b) li jkunu jinsabu fiha mhux aktar minn 0,25 % tal-pjanti affettwati minn blackleg, fil-każ ta'"KEE grad 2", u "KEE grad 3".

Il-konformità ma' din il-ħtieġa għandha tkun iċċekkjata bi spezzjoni uffiċjali tal-għalqa;

3.4. li jkunu jinsabu fiha mhux aktar minn 0,1 % tal-pjanti li juru sintomi ta' infezzjoni b'virus. Il-konformità ma' din il-ħtieġa għandha tkun iċċekkjata bi spezzjoni uffiċjali tal-għalqa, supplimentata f'każ ta' dubju minn testijiet tal-weraq f'laboratorju skond metodi xierqa;

3.5. fejn hemm ipprovdut li ssir spezzjoni uffiċjali tal-għalqa, din tkun soggetta għal ta' lanqas żewg spezzjonijiet uffiċjali tal-għalqa;

3.6. tkun soġġetta għal-limitu l-aktar baxx possibbli fuq in-numru massimu ta' moltiplikazzjonijiet, waqt li jingħata kont tal-kondizzjonijiet ta' produzzjoni.

L-ANNESS II

KUNDIZZJONIJIET ADDIZZJONALI JEW AKTAR RIGORUŻI LI GĦANDHOM JIĠU SODISFATTI MILL-WIĊĊ TAR-RABA' U L-LOTTIJIET TA' GRADI TA' PATATA TAŻ-ŻERRIEGĦA BAŻIKA TAL-KOMUNITA'

1. **"KEE grad 1"**

1.1. Il-wiċċ tar-raba' għandu:

1.1.1. jkun imkabbar f'art ta' produzzjoni fejn ikunu għaddew ta' lanqas tliet snin mill-aħħar darba li tkun tkabbret il-patata;

1.1.2. jkun ħieles minn pjanti affettwati minn blackleg. Il-konformità ma' din il-ħtieġa għandha tkun iċċekkjata bi spezzjoni uffiċjali tal-għalqa;

1.1.3. li jkunu jinsabu fiha mhux aktar minn 0,5 % tal-pjanti li juru sintomi ta' infezzjoni minn virus. Il-konformità ma' din il-ħtieġa għandha tkun iċċekkjata bi spezzjoni tal-għalqa uffiċjali, supplimentata f'każ ta' dubju minn testijiet tal-weraq f'laboratorju skond metodi xierqa;

1.1.4. fejn hemm ipprovdut li ssir spezzjoni uffiċjali tal-għalqa, tkun soġġetta għal ta' lanqas żewg spezzjonijiet uffiċjali tal-għalqa;

1.1.5. tkun soġġetta għal limitu l-aktar baxx possibli tan-numru massimu ta' generazzjonijiet, waqt li jingħata kont tal-kondizzjonijiet ta' produzzjoni.

1.2. Lottijiet m'għandhomx:

1.2.1. ikunu jinsabu fihom aktar minn 1 % f'piż ta' radam u materji estraneji. Il-konformità ma' din il-ħtieġa għandha tkun iċċekkjata b'eżami uffiċjali;

1.2.2. li jkunu jinsabu fihom aktar minn 0,5 % f'piż ta' nefħiet infettati minn moffa niexfa jew niedja. Il-konformità ma' din il-ħieġa għndha tkun iċċekkjata b'eżami uffiċjali.

2. **"KEE grad 2"**

Il-kundizzjonijiet imniżżla f'punt 1, bl-eċċezzjoni ta' 1.1.2, għandhom jgħoddu. L-istandard in rigward tal-blackleg m'għandux ikun aktar minn 0,5 % tal-pjanti affettwati.

3. **"KEE grad 3"**

Il-kundizzjonijiet imniżżla f'punt 1, bl-eċċezzjoni ta'1.1.2 u 1.1.3, għandhom jgħoddu.

L-istandard fejn jidhol blackleg m'ghandux ikun aktar minn 1 % tal-pjanti affettwati.

L-istandard fejn tidħol infezzjoni b'virus m'ghandux ikun aktar minn 1 % tal-pjanti li juru sintomi ta' din.